# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2000**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 1279/94 JF**

**Anthony Saliba ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' C.T. Enterprises Co. Ltd.**
**vs**
**Carmel Mary sive Charles Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut kien azzjonist u direttur tas-socjeta' attrici.

Premess illi matul il-perjodu li l-konvenut kien direttur u azzjonist tas-socjeta' attrici kkommetta diversi rregolaritajiet grossolani konsistenti fl-approprijazzjoni da parti tal-konvenut kif ser jigi dettaljatament spjegat fit-trattazzjoni.

Premess illi a kawza ta' dawn it-tortijiet tal-konvenut is-socjeta' attrici sofriet danni ingenti.

Premess illi l-konvenut ha minghand is-socjeta' attrici diversi oggetti u ma hallasx il-prezz taghhom nonostante li gie interpellat ghall-hlas.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara responsabbli ghall-misappropajazzjoni in debita ta' flus u xoghol tas-socjeta' attrici u ghall-malamministrazzjoni kif ukoll tad-danni konsegwenzjali.

2. Tillikwida l-ammont ta' flus u xoghol hekk misappoprjat u danni konsegwenzjali msemmija.

3. Tillikwida l-valur tal-oggetti mehuda mill-konvenut minghand is-socjeta' attrici u li taghhom ma hallasx il-prezz.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ammonti likwidati permezz tat-tieni u t-tielet talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid, impediment ta' partenza u sekwestru numru 3077/94, 3078/94 u 3076/94 rispettivament u tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Ottubru 1993 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Muscat fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huwa qatt ma kkommetta rregolaritajiet sia bhala azzjonista u sia bhala direttur tas-socjeta' attrici.

2. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-esponent.

3. Illi konsegwentement l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda ammont.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li kemm l-attur proprio kif ukoll il-konvenut proprio u f'isem kumpanija ohra mhix parti fl-atti tal-kawza kienu fil-kummerc. F'certu zmien huma ddecidew li jiffurmaw socjeta' anonima bi shab bl-isem ta' C.T. Enterprises Company Limited. Fil-kors tal-provi z-zewg partijiet ipprometew li jipprezentaw aktar dokumenti minn dawk gja' esebiti fil-process pero' baqghu inadempjenti. Fost dawn id-dokumenti l-attur nomine kellu jipprezenta wkoll kopja tal-"Memorandum and Articles of Associtation" tas-socjeta' attrici pero' ma esebixxa xejn.

Illi l-attur nomine pprezenta prospett (ara Dok AS a fol. 46 tal-process) li fih jelenka l-pretensjonijiet tieghu fi flus min-naha tas-socjeta' attrici. Dan il-prospett jirreferixxi ghal diversi affarijiet li allegatament inxtraw mis-socjeta' attrici u li pero' r-rikavat minnhom, jew ahjar parti sostanzjali mir-rikavat jew mill-oggetti nfushom

baqghu mizmumin mill-konvenut. Hemm imbaghad entrata relativa ghal "claim" ta' danni maghmula kontra s-socjeta' attrici min-naha tal-Gvern ghas-somma ta' Lm3,622.50, spejjez gudizzjarji dovuti u mhallsin in konnessjoni ma' xi whud mill-oggetti mportati u li thallsu allegatament mis-socjeta' attrici.

Illi jinghad mill-ewwel li din il-Qorti ma kienet sodisfatta xejn bil-mod "imqanzah" u vag li bih tressqu l-provi, u partikolarment bix-xhieda tal-attur nomine u tal-konvenut stess. L-attur nomine xehed b'mod vag hafna fuq certi partijiet murija fil-prospett surreferit, u daqstant iehor kien impreciz, vag u generiku l-konvenut. Ghandu jinghad ukoll li l-bilanc reklamat mill-attur nomine huwa wiehed pjuttost rilevanti l-ghaliex wara tnaqqsu xi hlasijiet akkont, qed jintalab bilanc ta' sbatax-il elf tlett mija u seba' liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm17,307.38c). Il-konvenut jichad li ghandu jhallas xi haga minn dana l-ammont.

Illi, kif gja' inghad <u>supra</u>, il-pretensjoni attrici hija relatata ma' oggetti jew "claims" diversi u differenti hafna minn xulxin. Ikun utli ghalhekk li l-pretensjoni tal-attur nomine tigi mistharrga taht dawn l-aspetti varji bicca bicca.

Dwar l-ewwel item markata 'A' fejn hemm riferenza ghal "films" u spejjez ancillari, l-attur nomine xehed li fil-bidu li bdiet topera s-socjeta', hija mportat *"kunsenja zghira ta' films li minnhom jiena (i.e.*

*l-attur) tajt lilu (i.e. lill-konvenut) ghax kellu xi hanut …..”* (fol 18 tal-process). Illi ghalkemm dwar din il-partita l-attur esebixxa numru ta’ dokumenti – Dok AS2 sa Dok AS4 – <u>minn imkien</u> ma tidher il-konnessjoni bejn is-socjeta attrici u l-konvenut u l-istess jinghad ghal Dok AS5. Minbarra dan l-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti m’hu ffirmat, huwa mahrug minn “Photofinishers & Photographic Goods (Dist.) Ltd.” u ma jurix min ghamel l-ordni u lil min isejjah il-kont. Illi ghalhekk l-“items” u l-“krediti” pretizi taht item A tal-prospett ma jirrizultawx dovuti.

Illi dwar l-partita “Films” taht item B, l-attur nomine xehed li ghalkemm dawn ingiebu mis-socjeta’ attrici u din hallset ghalihom, l-oggetti msemmija hadhom ghandu l-konvenut u baqa’ jzommhom hu bla ma qatt ta rendikont dwarhom lis-socjeta’. Din il-Qorti, fin-nuqqas ta’ spjegazzjoni li taghmel sens min-naha tal-konvenut, u wara li ezaminat id-dokument Dok AS7 (fol. 53), Dok AS8 (fol. 54) u Dok AS9 (fol. 56), hija tal-fehma li l-pretensjoni attrici fl-ammonti li gejjin jirrizultaw dovuti mill-konvenut, igifieri:

| | |
|---|---|
| Films: | Lm5,222.11c |
| Dazju: | <u>Lm 853.00c</u> |
| <u>Total:</u> | <u>Lm6,075.11c</u> |

Taht dina l-item B, l-attur nomine inkluda wkoll is-somma ta’ Lm91 ta’ kera ta’ “storage of films”. Il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-partita hija

ppruvata sufficjentement. Ma giet esebita l-ebda ricevuta dwar din il-kera jew fejn kien dan il-garaxx u minn min kienet tikrih is-socjeta'. Bl-istess mod, jekk l-attur nomine ordna u xtara "films" ghall-konvenut u biex hallset ghalihom is-socjeta' kellha ssirilha kawza ghal hlas taghhom lid-ditta estera fornitrici, il-Qorti ma jidrilhiex li ghal dan in-nuqqas ta' hlas fil-mument opportun ghandu jirrispondi ghalih "il-klijent" li xtara l-materjal minghand is-socjeta' attrici li mportatu Malta. Jekk is-socjeta' attrici ma hallsitx fil-pront lill-esportatur, ir-responsabbilta' kienet tas-socjeta' attrici u mhux tax-xerrej.

"Item C" tirreferi ghal "cash registers" li suppost gew mibjughin mis-socjeta' attrici lill-Universita ta' Malta. Qed jinghad "suppost" mhux biss il-ghaliex min ingieb b'xhud dwar l-Universita' ma rrintraccjax tali tranzazzjoni fil-kotba tal-Universita' kif ukoll l-ghaliex il-konvenut jichad tali negozju, imma anke l-ghaliex ix-xhieda attrici dwar dina l-item ma jwassal imkien.

Illi dwar l-"item D" ghandu jinghad illi ghalkemm jirrizulta li hemm kawza pendenti min-naha tal-Gvern ghas-somma ta' Lm3,622.50c ghadu ma jirrizultax bic-car jekk din il-"claim" hijiex tassew dovuta mis-socjeta' attrici jew le. Wiehed ghandu jipprezumi, darba li l-kawza ghadha pendenti, li s-socjeta' attrici qeghda tikkontestaha. Illi, ghalhekk, l-aktar li jista' jinghad hu li jekk din is-somma tispetta li tithallas mill-konvenut tali talba ghadha prematura billi ghalissa mhijiex esegibbli minghand il-konvenut, li qed jichad min-naha tieghu

kwalsiasi responsabbilta'. Dana l-"item D" ghalhekk jibqa' impregudikat pero' ma jistax jigi kkunsidrat ghalissa kif qed jippretendi l-attur nomine ghaliex tali talba hija proceduralment intempestiva. "Items E u F" huma relatati ma' bejgh ta' ICA Computers li min suppost xtrahom – Godfrey Grima ghan-nom ta' Grima Communications – xehed li kull negozju sar bejnhom u bejn socjeta' rapprezentata mill-konvenut li pero' ma kenitx is-socjeta' attrici. L-attur nomine stess xehed li hu kien ihalli n-negozju relativ f'idejn il-konvenut (fol. 44) u b'hekk ma seta' jippreciza xejn. Min-naha tieghu, il-konvenut jispjega (fol. 145) li kulma kellha x'taqsam is-socjeta' attrici kien li din silfet is-somma ta' bejn *"xi Lm2,000 jew Lm3,000 lill-kumpanija Muscat Computer Systems"* u li n-negozju sar billi saret "letter of credit" taht l-isem Muscat Computers Systems. Fic-cirkustanzi ghalhekk l-involviment dirett fix-xiri da parti tas-socjeta' attrici ma jirrizultax ippruvat u lanqas l-involviment personali tal-konvenut. Sinifikanti wkoll li jigi osservat li skond ix-xhud Godfrey Grima l-ordnijiet gew kondotti bil-fomm.

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta li l-uniku hlas li jirrizulta dovut lis-socjeta' attrici huwa dak li jidher taht "item B" – parti minnu – ghall-ammont ta' sitt elef u hamsa u sebghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm6,075.11c). Ma hemm ebda prova dwar danni ohra konsegwenzjali.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament pero', kwantu ghat-tieni u t-tielet talbiet, ghas-somma ta' Lm6,075.11c u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut li jhallas lill-attur nomine dana l-ammont flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji, bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv. Jibqghu impregudikati t-talba attrici dwar il-pretensjoni min-naha tal-gvern kontra s-socjeta' attrici (ara item C tal-prospett, a fol. 46), kif ukoll kull pretensjoni da parti tal-konvenut proprio kontra s-socjeta' attrici dwar xi hlasijiet li jallega li ghadhom dovuti lejh per via ta' salarju kif minnu msemmi.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**.

Deputat Registratur

md